A.L. 123 ta' l-1991

ORDINANZA DWAR IL-LOTTU PUBBLIKU (KAP. 70)

Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Ordinanza dwar il-Lottu Pubbliku, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Lottu Pubbliku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1990 dwar il-Lottu Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 109 ta' l-1990.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għar-rigward tat-tlugħ tat-3 ta' Awissu, 1991 u kull tlugħ sussegwenti.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"(1) It-tlugħ tan-numri għandu jsir fil-pubbliku fl-uffiċċju tad-Direttur jew f'kull imkien ieħor li jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien għal dan il-għan mill-Ministru, fil-preżenza ta':—

(a) rappreżentant tad-Direttur; u

(b) nutar pubbliku.".